MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1079/2005

**Sweetsource Limited (C16352)**

**Vs**

**Supretendent tas-Sahha Pubblika, Ministru tal-Gustizzja u Intern, Il-Ministru tas-Sahha u Kura ta' l-Anzjani u Tabib Principali Tal-Gvern**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet Illi:

Peress illi, l-esponenti hi kumpanija li timporta u tqassam il-helu fis-suq lokali u ilha ghal snin kbar timporta l-helu maghruf bhala *candy sticks;*

Peress illi, fl-10 t’Ottubru 2005 saret spezzjoni fil-mahzen propjeta’ tal-esponenti u hemmhekk instabu kwantita’ ta’ dawn il-*candy sticks* li ghalihom l-ufficjal li kien qed iwettaq l-ispezzjoni hareg ordni ta’ elevazzjoni (*sealing/seizure note*) fuq dan l-istess helu;

Peress illi, l-helu in kwistjoni gie importat Malta regolarment wara li ngab il-permess mill-*Port Health* fejn ma nstab l-ebda oggezzjoni ghal din l-importazzjoni u awtorizzat id-dhul taghha f’pajjizna;

Peress illi l-allegat raguni moghtija verbalment ghal dan l-agir danneggjuz u minghajr pre avviz jew diskussjoni kien li dawn kienu qed jikkontravjenu l-artikolu numru 15 tal-Kap 315 (Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk) li jghid li l-‘*ebda persuna ma tista’ timporta, timmanifattura, tbiegh tforni jew tqassam … helu … fil-forma ta’ sigaretti’;*

Peress illi, dan l-att ma jikkontemplax il-hrug ta’ ordni ta’ elevazzjoni u ghalhekk l-agir mill-ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha huwa abbuziv, illegali, u jmur oltre id-dritt amministrattiv li ttih il-Ligi u ghalhekk huwa *ultra vires;*

Peress illi, din l-ordni ta’ elevazzjoni setghet biss tinhareg a tenur tal-Kap 465 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar is-Sahha Pubblika) ghaliex hija din il-Ligi li tikkontempla azzjoni simili. Biss anki jekk ghal-grazzja ta’ l-argument wiehed kellu jaccetta li dan l-agir gie ibbazat fuq il-provizjonijiet ta’ dan l-att l-istess agir huwa xorta wiehed abbuziv u illegali. Dan qed jinghad minhabba li din l-azzjoni tista’ tigi kontemplata biss kontra affarijiet li jistghu jkollhom effetti kuntrarji fuq is-sahha tal-bniedem;

Peress illi, l-helu in kwistjoni huwa maghmul biss miz-zokkor u ma jaghmilx il-hsara li ghaliha tikkontempla l-Ligi.

Peress illi, l-ebda ufficjal pubbliku ma hu fuq il-Ligi u ma jistax lanqas jaghti l-interpretazzjoni personali tieghu lil xi

Ligi u di piu' jaqleb il-prassi li tkun ilha segwita fil-pajjiz ghal snin twal;

Peress illi, l-agir illegali tad-Dipartiment tas-Sahha qed jikkawza danni kbar lill-esponenti li ghalihom huwa responsabbli d-Dipartiment u ghandu jieqaf minnufih;

Jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. Tiddikjara illi l-hrug ta' l-ordni ta' elevazzjoni fuq il-merkanzija *candy sticks* importat mis-socjeta' attrici hija *ultra vires* u illegali;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti jew min minnhom li fi zmien qasir u perentorju li jigi minn din il-Qorti ffissat, taht penali ghan-*non-osservanza* ta' l-istess ordni, jirtiraw l-ordni ta' elevazzjoni mahruga u b'hekk jirrilaxxaw minnufih il-merkanzija;

3. Konsegwentement tordna li jirtiraw ukoll l-ordnijiet kollha moghtja minnhom lill-hwienet li ghandhom fil-pussess taghhom dawn il-*candy sticks* fejn kienu gew ordnati jwaqqfu il-bejgh ta' l-istess, b'dan illi huma ukoll ikunu jistghu jbieghu il-*candy sticks* fil-pussess taghhom;

4. Tiddikjara ukoll li l-importazzjoni, bejgh u distribuzzjoni ta' l-imsemmija *candy sticks* m'hijiex projbita *ai termini* tal-Kap 315 u tal-Kap 465 tal-Ligijiet ta' Malta u tista' konsegwentement tigi liberament impurtata u mibjugha gewwa Malta u Ghawdex.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg protesti pprezentati fis-26 ta' Ottubru 2005 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 20 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament il-Ministru tas-Sahha u l-Anzjani fil-Komunita' u l-Ministru tal-Gustizzja u Intern gew imharrkin inutilment u ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li d-decizjoni li dwarha qed toggezzjona il-kumpanija attrici hija wahda amministrattiva u hadd minnhom ma kien partecipi fit-tehid ta' tali decizjoni. In oltre l-imsemmija konvenuti m'humiex il-persuni ndikati biex jirrapprezentaw lill-Gvern fil-kawzi mill-Artikolu 181b tal-Kap 12.

2. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nomenklatura d-Direttur Generali tas-Sahha Pubblika ma tezistix.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ordni ta' elevazzjoni flimkien ma' ordnijiet ohra li nhargu fil-konfront tal-"*candy sticks*" mertu ta' din il-kawza kienu biss mizuri amministrattivi temporanji mehuda biex jigi evitat fatt kompjut fil-pendenza ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni dwar l-imsemmija prodotti li jistghu jintuzaw mit-tfal biex jimitaw it-tipjip. Dawk il-mizuri temporanji gew ezawriti stante li l-merkanzija kollha tinsab rilaxxata u fuq is-suq Malti. Ghalhekk l-ilment tas-socjeta' attrici in kwantu tattakka mizura temporaneja li diga' giet irtirata u ezawrita huwa ghal kollox infondat. Illi nkwantu l-kawza odjerna hija ntiza biex tottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens illi l-prodott mertu ta' din il-kawza ma seta' qatt iqanqal lit-tfal l-immaginazzjoni tat-tipjip l-esponenti jikkontestaw tali pretensjoni tas-socjeta' attrici bhala nfondata.

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-Qorti ma tistax tintalab taghmel dikjarazzjonijiet sabiex jigu garantiti mportazzjonijiet futuri stante illi dan jaqa' barra mill-gurisdizzjoni tal-Qorti billi effettivament jitlob lill-Qorti tezercita funzjoni amministrattiva minflok gudizzarja u dan ukoll a priori. Di piu' il-Qorti ghandha permezz ta' "*judicial review*" gurisdizzjoni biss illi tevalwa u taghti nterpretazzjoni ta' decizjonijiet gia mehuda mill-amminstrazzjoni u mhux kif pretiz mis-socjeta' attrici. Il-Qorti tista' tara u tissindika l-legalita' ta' att gia kompjut u fil-kaz ta' atti futuri tista' tohrog biss mandati ta' inibizzjoni.

In oltre' kif diga' gie rilevat ma hiex il-mansjoni tal-Qorti illi taghmel xi tip ta' dikjarazzjoni kif pretiz mis-socjeta' attrici stante li dan effettivament jammonta ghal awtorizzazjoni liema awtorizzazjoni taspetta lill-awtorita' amministrattiva.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess ma hux legittimu illi l-Qorti tintalab tiddikjara stat ta' fatt bhal ma' hu importazzjoni, bejgh u distribuzzjoni ta' l-imsemmija "*candy sticks*" bhala legalment accettabbli meta Artikolu 15 tal-Kap 315 espressament jipprojbixxi l-importazzjoni, bejgh u distrubuzzjoni ta' prodotti ta' helu li jqanqlu l-impressjoni tat-tipjip lit-tfal. Tali dikjarazzjoni gudizzjarja ma tistax tintalab a priori u ghall-perjodi ndefiniti anke minhabba l-fatt illi huwa risaput illi cirkostanzi u l-atitudnijiet tal-konsumaturi jinbidlu minn zmien ghall-zmien u l-amministrazzjoni trid bilfors izzomm id-diskrezzjoni biex tkun tista' taddotta d-decizjonijiet taghha ghac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol 26 fejn l-atturi tramite l-Avukat taghhom iddikjaraw li fil-mori tal-kawza giet irtirata l-ordni ta' qbid da parti ta' l-Awtoritajiet u ghalhekk mhux qed jinsistu fuq l-ewwel zewg talbiet ghajr ghal kap ta' l-ispejjez dwarhom.

Rat in-nota ta' cessjoni ta' l-atturi fil-konfront tal-Ministru tal-Gustizzju u Ntern u l-Ministru tas-Sahha u Kura ta' l-Anzjani fol 146.

Rat il-korrezzjoni a fol. 145;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

Illi skond John Attard Kingswell, Manager Health Inspector, li gara f’dan il-kaz kien li ttiehdet l-azzjoni temporanja mid-Dipartiment tas-Sahha biex tigi valutata s-sitwazzjoni ezistenti fil-kamp tal-bejgh tal-helu fil-forma ta’ sigaretti immirat lejn it-tfal. Il-prodott imbaghad gie rilaxxjat. Wara li ngabret aktar informazzjoni ittiehdet decizjoni li l-importazzjoni futura ta’ dan il-prodott tieqaf. B’din id-decizjoni kien gie infurmat kull min kien koncernat. Qabel dan il-prodott kien qed jigi klassifikat bhala helu, izda minhabba nformazzjoni gdida dwar l-impatt li prodott bhal dan kien qed ikollu fuq it-tfal, l-interpretazzjoni inbidlet u prodott simili kellu jitqies bhala sigarett tal-helu u l-importazzjoni futura tieghu ma kienitx se tkun aktar permessa.

Dr. Mario Spiteri xehed li l-iskop ta’ l-artikolu 15 tal-Kap 315 hu li jiskoraggixxi lit-tfal milli jaraw it-tipjip bhala xi haga attrajenti u tal-moda. Semma li r-“role modeling” hu meqjuz importanti bhala mezz effettiv biex jiggwida lit-tfal biex isegwu l-agir ta’ l-adulti u s-sigaretti tal-helu b’mod partikolari jigbdu lit-tfal zghar ghal dan il-vizzju u s-sigaretti tal-helu jiffacilitaw is-simulazzjoni tat-tipjip mit-tfal. Ighid li l-fatt li dawn il-*candy sticks* m’ghandhomx filter u ponta hamra, ma jfissirx li mhux sigarett tal-helu. Inoltre l-uzu tal-karattri tal-*cartoons* fuq il-kaxxa tal-prodott ma hu xejn hlief lixka sabiex jaghmel il-prodott aktar attrajenti ghat-tfal. Skond Dr. Spiteri l-interpretazzjoni ta’ l-artikolu 15 li kienet qed tinghata qabel mid-Dipartment kienet wahda zbaljata u ma kinitx qed tilhaq l-iskop tal-ligi.

L-atturi jikkontendu li huma mportaw il-prodott in kwistjoni regolarment wara li nghataw permess mill Port Health li ma kien hemm ebda oggezzjoni. Illi meta dana l-prodott imbaghad gie maqbud u elevat mill-awtorita’ dan sar illegalment billi l-ligi ma kienitx tawtorizza li oggetti simili jigu elevati. Inoltre l-projbizzjoni llum ta’ importazzjoni ta’ dana l-prodotti hija kontra l-ligi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-ewwel tlett talbiet**

Il-konvenuti jirritjenu li l-ordni ta' elevazzjoni kienet mizura amministrattiva temporanja li giet irtirata qabel ma giet prezentata dina l-kawza. Minhabba f'hekk l-atturi ma baqghux jinsistu fuq l-ewwel zewg talbiet taghhom, izda zammew ferm it-talba taghhom dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Il-Qorti ghalhekk biex tiddeciedi dwar il-kap ta' l-ispejjez ta' dawn iz-zewg talbiet trid bil-fors tezamina jekk l-atturi kellhomx raguni fil-kontestazzjoni taghhom li l-elevazzjoni kienet wahda *ultra vires* u illegali stante li l-elevazzjoni ma kinitx prevista taht l-Kap 315.

Gie konfermat meta xehed John Attard Kingswell li fit-Tabacco Act Kap 315 ma nghatatx awtorita' li jigu maqbuda prodotti simili (ara fol 134). Minn ezami tal-ligi ma jirrizultax li hemm dik l-awtorita'.

L-argument tal-konvenuti li l-elevazzjoni kienet permessa skond l-Kap 465 (6)(i) ma jregiex billi skond il-Memo (ara fol 48) il-konvenuti mxew fuq il- Kap 315 u mhux il-Kap 465 biex ghamlu l-elevazzjoni.

Il-konvenuti gabu prova (ara fol 51) li, gurnata qabel il-prezentata tac-citazzjoni kienu nghataw *instructions* biex il-Health Authorities jirrilaxxaw il-*candy sticks*. Izda fl-istess waqt l-atturi ma kellhom ebda prova bil-miktub li jikkonferma l-*candy sticks* kienu se jigu rilaxxjati. Barra minn hekk jirrizulta li l-atturi kienu regolarment u bl-approvazzjoni tal-konvenuti stess impurtaw dana l-prodott u ghalhekk m'ghandhomx jigu penalizzati talli hadu passi biex jipprotegu d-drittijiet taghhom u kienu ilhom jikkorrispondu mal-konvenuti.

Ghalhekk l-atturi m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ghal dawn iz-zewg talbiet.

Dwar danni reklamati mill-atturi, il-Qorti tirrileva li dawn ma gabu ebda prova li turi li x'effettivament sofrew minhabba l-azzjoni tal-konvenuti.

It-tielet talba ta’ l-atturi saret b’konsegwenza ta’ l-ewwel zewg talbiet, u stante li l-prodott gie rilaxxjat ma hemmx aktar lok ghal dina t-talba.

**<u>Raba’ talba</u>**

Jibqa r-raba’ talba fejn l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li l-importazzjoni, bejgh u distribuzzjoni ta’ l-imsemmija *candy sticks* m’hijiex projbita *ai termini* tal-Kap 315 u tal-Kap 465 tal-Ligijiet ta’ Malta u tista’ konsegwentement tigi liberament impurtata u mibjugha gewwa Malta u Ghawdex.

Il-konvenuti qed jikkontendu li l-Qorti ma tistax tintalab taghmel dikjarazzjonijiet sabiex jigu garantiti mportazzjonijiet futuri stante illi dan jaqa’ barra mill-gurisdizzjoni tal-Qorti billi altrimenti l-Qorti tkun qed tezercita funzjoni amministrattiva minflok gudizzarja u dan ukoll a priori.

Il-Qorti ghandha permezz ta’ “*judicial review”* gurisdizzjoni biss illi tevalwa u taghti nterpretazzjoni ta’ decizjonijiet gia mehuda mill-amminstrazzjoni u mhux kif pretiz mis-socjeta’ attrici.

L-atturi qed jikkontendu li l-konvenuti ma jistghux jaqbdu u jbiddlu l-interpetazzjoni li dejjem inghatat ta’ l-artikolu 15 tal-Kap 315 u li tahta huma impurtaw il-*candy sticks* u issa jipprojbixxu li jigi impurtat il-prodott *candy sticks*. Huma jghidu li dina l-interpretazzjoni hija *ultra vires* u illegali u ghalhekk qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li l-importazzjoni biegh u distribuzzjoni tal-imsemmija *candy stocks* mhiex projibita a termini tal-Kap 315.

Il-konvenuti jikkontendu li dina l-Qorti ma tistax taghmel dana ghax mhux legalment accettabbli billi l-Artikolu 15 tal-Kap 315 espressament jipprojbixxi l-importazzjoni, bejgh u distrubuzzjoni ta’ prodotti ta’ helu li jqanqlu l-impressjoni tat-tipjip lit-tfal.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk kien hemm xi haga illegali jew *ultra vires* fl-interpretazzjoni l-gdida li l-konvenuti taw ta’ l-artikolu 15 tal-Kap 315.

Dawn il-Qrati, fil-funzjoni taghhom ta’ *judicial review* ta’ l-operat ta’ xi awtorita’ ghandhom id-dritt li jiddeciedu jekk att partikolari hux null u bla effett ghax mhux skond il-ligi jew ghax jilledi l-principji tal-gustizzja naturali, izda m’ghandhom qatt jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill dika l-awtorita’, b’taghhom. Dan illum jista’ jsir skond l-artikolu 469A tal-Kap 12. Dan jipprovvdi hekk:

**469A.** (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss –

(*a*) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
(*b*) meta l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta’ l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-eghmil; jew
(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

L-artikolu 15 tal-Kap 315 jipprovvdi li “ *ebda persuna ma tista timporta, timmanifattura, tbiegh, tforni jew tqassam…<u>helu.. fil-forma ta’ sigaretti</u>…*

Il-konvenuti jissottomettu li l-interpretazzjoni li kienet qed tinghata ta’ l-artikolu 15 kienet wahda zbaljata. Isostnu li l-*candy sticks* huma sigaretti tal-helu maghmul b’tali mod li jiffacilitaw’ is-simulazzjoni tat-tipjip mit-tfal u l-fatt li

m'ghandhomx *filter* u ponta hamra l-istess jaghmluhom sigaretti tal-helu. Il-Ligi (art 15) tipprojbixxi helu f'forma ta' sigarett u ma ssemmi  imkien li jrid ikun hemm gamra hamra u li jkun hemm *filter* biex jigi kunsidrat bhala sigarett tal-helu.

L-atturi ma jaqblux. Huma jghidu li l-bazi legali ghall-projbizzjoni f'Malta ta' *candy sticks* ma tezistiex ghaliex fil-fatt dawn m'ghandhomx il-forma, fatizzi, u ppakkjar ta' sigarett hekk kif rikjest mill-Art. 15 tal-Kap 315. Il-ligi tghid li hu projbit  li timporta "helu .. fil-forma ta' sigaretti" u mhux helu " li jqanqal l-impressjoni ta' tipjip fit-tfal" kif qed jippretendu l-konvenuti.

Inoltre l-atturi jargumentaw li fuq jekk il-prodott mertu tal-kawza setghax iqanqal fit-tfal immaginazzjoni ta' tipjip hadd ma jeskludih pero' l-argument tas-socjeta' attrici huwa li lanqas wiehed ma jista jeskludi li tfal juzaw kwanunkwe prodott jew oggett (ez lapes, lollipop u l-oggetti l-ohra ezibiti)  sabiex juzawhom taparsi jpejpu. B'dak li qed isostni d-Direttur tas-Sahha, il-helu u l-oggetti kollha li jistghu jqanqlu fit-tfal b'xi mod immaginazzjoni ta' tipjip ghandu jigi projbit izda dan ma kienx l-iskop tal-Ligi.

Il-Qorti ezaminat ir-ragunijiet li wasslu lill-konvenuti biex jghidu li l-interpretazzjoni precedenti kienet hazina, u ghalhekk jipprojbixxu l-importazzjoni tal-*candy sticks*. Il-Qorti hi tal-fehma li r-ragunijiet  li gew sottomessi mill-konenvenuti huma tajba bizzejjed biex jindikaw li d-diskrezzjoni moghtija  giet ezercitata kemm "*rite*" kif ukoll "*recte*" u ma hemm xejn irragjonevoli jew illegali fl-interpretazzjoni moghtija lill-artikolu imsemmi.

L-ordni li tigi projibita l-importazzjoni tal-*candy sticks* f'forma ta' sigarett  kienet wahda a termini tal-ligi u intiza biex tipprotegi is-sahha tat-tfal billi hemm possibilita' kbira li dawn jintroducu lit-tfal ta' eta' tenera ghal kuncett tat-tipjip

Ma hemm xejn irragjonevoli fl-interpretazzjoni tal-konvenuti li l-*candy sticks* ghandhom forma ta' sigarett u li jikkunsidrawhom bhala helu f'forma ta' sigarett. Il-*candy*

*stick* qeghdin f'pakketti bhal ma jigu pakkettjati s-sigaretti, qeghdin f'daqqa go kaxxa u ma jinbieghux f'borza bhal helu jew bil-kwart.

Il-kompitu tal-Qorti,  mhux li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-konvenuti u lanqas biex tiddeciedi jekk ir-ragunijiet li a bazi taghhom ezercitat id-diskrezzjoni taghha kellhomx mis-sewwa jew le, izda biex tara jekk a bazi ta' l-informazzjoni li kellha l-awtorita` pubblika fil-mument li ezercitat id-diskrezzjoni taghha, setghetx jew le tasal ghad-decizjoni li hadet. Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti setghu ragjonevolment jaslu ghad-decizjoni li hadu u jaghtu  l-interpretazzjoni li taw.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel zewg talbiet billi l-mertu dwarhom gie ezawrit;
Spejjez ghas- Supretendent Sahha Pubblika;
Tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-tielet talba li hija konsegwenzjali tal-ewwel u t-tieni talba.
Tichad ir-raba' talba.
Spejjez tat-tielet u raba' talba ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------